

## 1709 - 2009

F'soċjetà, f'dinja, f'pajjiż, f'Raħal fejn mill-anniversarji u ċ-Ċentinarji jew nofsijiet jew kwarti tagħhom m'aħniex neqsin, u fejn hemm iktar ġranet iddedikati għal tifkiriet u kommemorazzjonijiet, iktar milli hemm jiem fis-sena. Nisthajjel lil min jistaqsi: dawn in-numri hawn fuq x'jistgħu jkunu? X'jistgħu jfissru? Qabel ma ngħid xi ħaġa fuq l-għax u l-għaliex ta' dawn in-numri, irrid ngħid li ovvjament dawn għandhom x'jaqsmu mal-istorja ta' Raħalna.

Illum, minkejja li f'Birkirkara hawn diversi parroċċi, xorta waħda jibqa' l-fatt li tista' tgħid Birkirkara u Santa Liena huma sinonimi, bla sens ta' nuqqas ta' rispett lejn il-parroċċi ġodda li saru fiha f'dawn l-aħħar erbgħin sena jew hekk. Għaliex ir-rabta Birkirkara u Santa Liena tmur lura għal aktar minn sitt sekli, u minkejja dak kollu li seta' ġara fil-periodu, fil-memorja kollettiva ta' Karkariżi u Maltin, dejjem baqa' stampat il-binomju Birkirkara – Santa Liena.

Iżda minħabba ċerti ċirkustanzi li ġraw fiż-żmien, jista' jkun hemm min jaħseb li din ir-rabta qawwija bejn Birkirkara u Santa Liena mhux dejjem kienet hekk, li kien hemm xi żmien li l-Karkariżi kienu biegħdu lil Santa Liena mill-post ewlieni ta' patruna tagħhom. Iżda dan ma kienx hekk.

Forsi hemm min jaħseb dan minħabba l-Knisja l-Qadima, li popolarment kienet magħrufa u fil-fatt kienet oriġinarjament iddedikata lit-Tlugħ fis-Sema ta' Sidtna Marija, jew kif kienet tiġi wkoll deskritta fi żjarat pastorali antiki: Santa Marija tax-xahar t'Awissu. Iżda dak li ġara kien kif ser naraw.

Meta twaqqfet il-Kappella jew parroċċa ta' Birkirkara, aktarx xi żmien fis-seklu erbatax (1300 eċċ...), għall-ewwel intagħżlet bħala knisja ewlenija tal-parroċċa, knisja li kienet l-eqreb lejn iċ-ċentru ġeografiku tal-limiti li l-parroċċa kienet ingħatat, li kienu minn Ħ'Attard, kważi taħt l-Imdina, lejn il-Lvant sa Tal-Pietà u lejn il-Grigal sa l-inħawi ta' St. Andrews ta' llum. Din kienet il-kappella jew knisja ddedikata lil Santa Liena li kien hemm fuq l-għolja ta' l-Għargħar, San Ġwann ta' llum, f'post magħruf ukoll bħala Ta' Ċieda, wara l-kappella ddedikata lil San Ġwann Battista.

Jidher ovvju li l-ħsieb li din tkun tista' tgħid ekwidistanti minn kull naħa tal-limiti parrokkjali, biex tintlaħaq min-nies. Iżda jew kien mill-bidu, jew ma damx wisq ma' ġara, fl-inħawi qrib il-baħar il-popolazzjoni kienet skarsa jew skarsat sal-bidu tas-seklu ħmistax, meta nsibu li diġà kienet qed tintuża bħala knisja parrokkjali, waħda ddedikata lil Santa Marija, li kien hemm tista' tgħid fit-tarf tan-nofs inhar tal-limiti parrokkjali, fl-inħawi magħrufin bħala l-Imrieħel. Biss din kienet eqreb għall-inħawi fejn kien hemm il-biċċa l-kbira sew tan-nies tal-parroċċa, jiġifieri Birkirkara nnifisha, iċ-ċentru l-antik ta' llum, u t-tliet irħula ta' Ħ'Attard, Ħal-Lija u Ħal Balzan.

U hawn ta' min itenni li, kontra l-idea li kien wasal għaliha u espona E.B. Vella fil-ktieb tiegħu Storja ta' Birkirkara... (1934), ir-raħal ta' Birkirkara ma kienx f'xi żmien fejn illum hemm il-lokalità ta' San




Żewġ polittici li juru kif seta' kien l-eqdem kwadru titulari ta' Santa Liena li nafu bih. It-tnejn li huma fuq nett juru l-bidu u t-tmiem tal-ġrajja tar-redenzjoni ( it-tahbira lil Marija u l-mewt ta' Ġesù) Fit-tliet kwadri ewlenin tidher ukoll il-Madonna u fil-ġnub żewġ oħra li fil-każ tagħna kienu jkunu San pawl u Santa Liena. Wieħed minn dawn il-polittiċi jinsab f'Randazzo fi Sqallija u l-ieħor f'Impeia fil-Ligurja, l-Italja – dawn juri wkoll il-predella (bradella) bix-xbihat ta' l-appostli, fil-parti ta' taħt.

Ġwann, jew kif jgħid hu: L-Għargħar, ir-raħal il-qadim. U anqas qatt ma saret il-Westward Ho! (jew f'dal-każ aħjar Southward Ho! – b'apoloġija lir-rumanzier Ingliż Charles Kingsley) li jalludi għaliha l-istess Vella.

Huwa minnu, nerġgħu ngħidu li minn xi żmien lejn l-aħħar tas-seklu erbatax, il-Karkariżi kienu jużaw bħala knisja parrokkjali, knisja ddedikata lil Santa Marija. Iżda huwa minnu wkoll li Santa Liena kienet inklużа fil-kwadru titulari, li skond id-drawwa ta' dak iż-żmien, kien polittiku – jiġifieri kwadru ffurmat minn għadd ta' kwadri flimkien. Huwa veru wkoll li dak iż-żmien il-Madonna, jew Kristu, kienu jingħataw l-importanza ewlenija u jitqiegħdu fil-parti tan-nofs li aktarx kienet tkun ikbar, minkejja li l-qaddis patrun kien xi wieħed minn dawk raffigurati fil-ġnub – u dan ma kienx isir biss f'Malta, li f'dawn l-affarijiet kienet issegwi dak li jsir f'pajjiżi oħra, speċjalment l-Italja.

Santa Marija baqgħet it-titular ta' din il-knisja meta kienet tkabbret kmieni fis-seklu sittax, qabel ma f'Malta ġew il-Kavallieri ta' San Ġwann fl-1530. U huwa minnu wkoll li meta kien kappillan Dun Filippu Borg, lejn il-bidu tas-seklu sbatax kien għamel għal din il-knisja kwadru titulari ġdid ta' Santa Marija, u li meta bena l-Knisja mill-ġdid, il-Qadima ta' żmienna, it-titular ta' dik il-knisja li kien ġedded kien baqa' Santa Marija.

Iżda minkejja dan, bħala qaddisa patruna tal-parroċċa dejjem baqgħet Santa Liena. Tant hu hekk li billi l-kwadru titulari "l-antik" kien tqiegħed fuq wieħed mill-altari l-oħra fil-knisja, fil-Viżta Pastorali tal-1618 jingħad espressament li x-xbieha ta' Santa Liena fih kienet hemm bħala patruna tal-parroċċa – kien qed jemfasizza l-fatt li għalkemm it-titular tal-knisja kien Santa Marija, il-patruna tal-parroċċa kienet u baqgħet Santa Liena.

Jerġa', meta aktar tard l-istess Dun Filippu ried iwaqqaf il-Kolleġġjata f'Birkirkara, it-talba tiegħu, kif imbagħad effettivament sar meta ngħatat fl-1630, kienet li din tkun għall-isem ta': Santa Elena Reġina. U meta kien lest il-kappellun tan-nofs inhar tal-Knisja l-Qadima għall-ħabta tal-1646, l-artal ewlieni fil-faċċata tiegħu sar l-artal ta' Santa Liena, patruna kemm tal-Kolleġġjata kif ukoll ta' Birkirkara.

Kien imbagħad fl-1709 li l-Kapitlu tal-Kolleġġjata Karkariża, talab lill-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Fra Davide Cocco Palmieri, biex il-kwadru ta' Santa Liena ma jibqax fuq l-artal tal-kappellun fejn kien, immma jitqiegħed fl-aktar post prominenti f'dik il-knisja, jiġifieri l-artal tal-kor. L-Isqof kien laqa' din it-talba u b'hekk nistgħu ngħidu li minn dik is-sena, il-Knisja l-Qadima, għalkemm anke llum hija magħrufa bħala ta' Santa Marija, kienet fil-fatt saret ta' Santa Liena.

Hekk naraw li fiż-żjara li l-Isqof Fra Pawlu Alpheran de Bussan għamel lil din il-knisja (il-Qadima) f'Mejju tal-1736, sab li l-altar tal-kor li kien tal-ġebel, kellu fuqu żewġ kwadri li kienu bla ħafna tiżjin. Il-kwadru ta' taħt, li kien kbir, kien juri lil Santa Liena. Aktar 'il fuq kien hemm kwadru iżgħar li kien juri t-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna. Dan il-kwadru ta' Santa Liena kien sab postu fil-knisja l-ġdida għall-ewwel snin, sa ma fl-1763 sar dak li naraw illum minn Francesco Zahra.

Ma kienx hemm qbil unanimu dwar din il-bidla, għax kien intqal li l-kwadru l-antik, li allura seta kien sar għall-ħabta tal-1646 (ara żewġ paragrafi 'l fuq), kien sar Ruma minn pittur ta' fama kbira, għalkemm ma jissemmiex min seta kien. Kien intqal ukoll li l-kwadru l-antik għalhekk kien ta' preġju akbar, għalkemm kien ftit żgħir għall-kobor tal-knisja l-ġdida. Ħasra li sa fejn magħruf, ma għandna ebda ħjiel dwar s'seta' sar minn dan il-kwadru.

L-istess arranġament, b'sens ta' tifkira u ta' kontinwazzjoni, wieħed għadu jista' jarah, għalkemm mhux b'dawk l-istess kwadri, fil-Bażilika Elenjana sa llum. U meta sentejn wara l-aħħar data msemmija, jiġifieri fl-1738, il-Karkariżi kienu qed jiċċelebraw il-festa titulari ta' raħalhom u tal-parroċċa tagħhom, dak iż-żmien fl-istess Knisja l-Qadima, għalkemm kienet qed tinbena l-ġdida, dan kien fit-18 ta' Awissu, il-festa ta' Santa Elena Imperatriċi Awgusta.

Mela din is-sena 2009, hija t-tielet ċentinarju minn meta fl-1709, ix-xbieha ta' Santa Liena, bħala patruna ta' Birkirkara, kif kienet mill-bidu u dejjem kienet baqgħet, kienet reġgħet sabet ruħha fil-post ewlieni tal-knisja parrokkjali tal-Karkariżi, u dan, meta kienet għadha tintuża bħala knisja parrokkjali, dik li llum nafu bħala l-Knisja l-Qadima.

Referenzi:
E.B. Vella: Storja ta' Birkirkara (1934)
Borg V. Prof.: It-Titular l-Antik ta' S. Elena Programm festa S. Elana (1975)
Il-Barokk fil-Knisja l-Qadima..., Programm festa S. Elena (1977)
SAL: Birkirkara – Storja, Kolleġġjata u Knejjes Filjali (1985) p.56.

**Philip Xuereb**